# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 25/01**

**Numru 39**

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Petroni**

**vs**

**Andrew Ciangura**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex:

1. il-konvenut jigi dikjarat unikament responabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-8 ta' Marzu 2000 fil-limiti ta' Santa Venera meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru BBA-151 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura numru SAP 159 propjeta ta' Stephen Petroni, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. jillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm341.12) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. l-konvenut jigi kundannat jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta' Ittra Ufficjali tal-11 ta' Lulju 2000 u ta' Ittra Ufficjali ohra ippresentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessa s-somma ta' Lm341.12,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm15 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 2000 u tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 2001 imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg